MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 897/2005

**L-Avukat Dottor Aaron Marius Bugeja, numru tal-karta ta’ l-identita 210771(M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta KOC KABLO Sanayi ve Ticaret Limited Sirketi ta’ Kaynarca Cad. No.18/C, Seyhli, Pendik, Istanbul, Turkija u b’nota tat-30 ta’ Ottubru, 2007 Dr Noella Grima assumiet l-atti tal-kawza minflok Dr Aaron Marius Bugeja**

**vs**

**SM (Cables) Limited, C-19872**
**RL21, Ricasoli Industrial Estate,**
**Kalkara CSP 11.**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur nomine fis-27 ta’ Settembru, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta konvenuta ordnat u xtrat minghand l-attur nomine (KOC KABLO) kwantita ta’ merci konsistenti f”cables” fil-kwantita u ta’ l-ispecifikazzjonijiet murija fil-”purchase order” li ggib in-numri 019/04 (li kopja taghha qed tigi hawn annessa u markata bhala dokument ittra “A”), liema konsenja shiha ta’ cables hija hawn aktar l-isfel maghrufa bhala il-”cables”;

Illi dawn il-cables gew mibjugha bil-prezz komplessiv ta’ tmienja u hamsin elf disa mija tlieta u tmenin Dollari Amerikani u tmenin centezmu Amerikan (USD58,983.80), ekwivalenti ghal circa wiehed u ghoxrin elf hames mija sitta u ghoxrin Liri Maltin tlieta u disghin centezmi (Lm21526.93) u dan skond kif kien originarjament indikat lis-socjeta konvenuta qabel ma ghamlet l-ordni taghha permezz ta’ pro-forma invoice mahrug precedentement u li kopja taghha qed tigi hawn annessa u markata bhala document ittra “B” u kif sussegwentement accettat mis-socjeta konvenuta meta ghamlet l-ordni taghha, u kif ukoll rifless fil-commercial invoice finali rnahruga mis-socejta attrici u li kopja taghha qed tigi hawn annessa u markata bhala dokument ittra “C”;

Illi l-cables mibjugha lis-socjeta konvenuta gew imballati skond kif jidher minn “packing list”, li tispjega ezattament il-kwantita, l-ispecifikazzjonijiet u l-piz totali tal-”cables” mibjugha u li gew konsenjati lis-socjeta konvenuta, kopja ta’ liema packing list qed tigi hawn annessa u markata bhala dokument ittra “D”.

Illi qabel ma dawn il-cables gew konsenjati lis-socjeta konvenuta, l-istess cables gew ezaminati u certifikati mill-”quality control laboratory” tas-socjeta attrici bhala li kienu tajbin, kif jidher minn certifikat mahrug minnha u li kopja tieghu qed jigi mehmuz u markat bhala dokument “E”;

Illi oltre minn hekk qabel ma’ l-istess cables gew trasportati, l-istess cables gew ezaminati u spezzjonati mis-socjeta Alpay Ic ve Dis Tic Ltd Sti. liema socjeta

kienet qed tagixxi bhala rapprezentant tas-socjeta konvenuta sabiex tkun tista tispezzjoni il-cables qabel ma' l-istess cables jigu trasportati bil-bahar ghand is-socjeta konvenuta. Illi rnill-istess “inspection report” jirrizulta li l-cables li kienu ser jigu konsenjati lis-societa konvenuta kienu misjuba tajbin u li kienu konformi ma’ l-ispecifikazzjonijiet imsemmija fil-”purchase order” tas-socjeta konvenuta. Kopja ta’ dan l-inspection report qed tigi hawn annessa u markata bhala dokument ittra “F”;

Illi l-cables gew trasportati lis-socjeta konvenuta skond ma jidher mill-polza tal-kariku ii kopja taghha qed tigi hawn annessa u markata bhala dokument ittra “G”;

Illi s-socjeta konvenuta ghamlet pagament akkont tal-prezz fl-ammont ta’ sitt elef Dollaru Amerikan (US$6,000), izda wara tali pagament is-socjeta konvenuta ma halsitx il-kumplament ta’ l-ammonti dovuta minnha b’mod li baqghet debitrici ta’ l-attur nomine fl-ammorit bilancjali ta’ tnejn u hamsin elf disa mija tlieta u tmenin Dollaru Amerikan u tmenin centezmi Amerikani (USD52,983.80) ekwivalenti ghal cirka dsatax il-elf tlett mija sebgha u tletin Liri Maltin (Lm19337) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tal-cables debitament konsenjati mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta (hawn aktar l-isfel imsejjah bhala “l-ammont dovut”);

Illi ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut, inkluz permezz ta’ ittra gudizzjarja, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Talab li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex :

1. ma ghandhiex din il-Qorti tiddikjara lis-socjeta konvenuta debitrici fil-konfront ta’ l-attur nomine fl-ammont ta’ bilancjali ta’ tnejn u hamsin elf disa mija tlieta u tmenin Dollaru Amerikan u tmenin centezmi Amerikani (USD52,983.80) ekwivalenti ghal cirka dsatax il-elf tlett mija sebgha u tletin Liri Maltin (Lrn 19337) (skond ir-rata tal-kambju bejn il-Lira Maltija u d-Dollaru Amerikan fil-jum tal-prezentata ta’ dan l-att ta’ citazzjoni) rapprezentanti l-

bilanc tal-prezz tal-cables debitament konsenjati mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta kif intqal aktar il-fuq u
2. hekk tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-istess attur nomine s-somma ta’ tnejn u hamsin elf disa mija tlieta u tmenin Dollaru Amerikan u tmenin centezmi Amerikani (USD52,983.80) ekwivalenti ghal cirka dsatax il-elf tlett mija sebgha u tletin Liri Maltin (Lm19337) (skond ir-rata tal-kambju bejn il-Lira Maltija u d-Dollaru Amerikan fil-jum tal-prezentata ta’ dan l-att ta’ citazzjoni) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar il-fuq;

Bl-imghax legali mill-11 ta’ Marzu 2004 sal-gurnata tal-pagament effettiv, bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li huma minn issa r-rapprezentanti taghha huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi t-talbiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi l-merkanzija li kienet konsenjata mis-socjeta attrici li kien jikkonsisti fi “wires tal-cable” ma kienetx tal-kwalita pattwita;

2. Illi dawn il-wires tal-cable ma kienux tajbin sabiex jinbieghu fis-suq tant li meta l-konvenuti bieghuha lit-terzi go pajjiez iehor l-istess terza persuna kellu diversi problemi mal-”ultimate customers” taghha ghax meta dawn l-”ultimate customers” bdew jinstallaw il-cables fid-djar taghhom l-installazzjoni bdiet tisparkja u hemm diversi talbiet ta’ danni rizultat tal-kwalita mhux pattwita u inferjuri;

3. Illi di piu fl-ebda mument is-socjeta Alpay Ic ve Dis Tic Ltd Sti ma kienet inkarigata mis-socjeta konvenuta sabiex tezamina u tisppezzjona dawn il-cables stante illi din is-socjeta Alpay Ic ve Dis Tic Ltd Sti hija “trading company” biss u xogholha huwa biss bhala “Commission Agent” u la jifhem fil-cables u la huwa xi espert f’dan ix-xoghol;

4. Illi ghalhekk s-socjeta konvenuta qieghda tirrifjuta li thallas minhabba li l-konsenja tal-merkanzija mhux tal-kwalita pattwita u peress li s-socjeta konvenuta l-anqas gabbret il-flus ta’ din il-merkanijza mit-terza persuna;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ konvenuta;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat il-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonanti, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi s-socjeta’ konvenuta issa rikonvenzjonat qieghda tipprevalixxi ruhha mill-azzjoni attrici rikonvenzjonata u jiccita lis-socjeta’ attrici in via rikonvenzjonali bil-mod li gej :

Illi s-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonata kienet ordnat u xtrat minghand is-socjeta’ attrici rikonvenzjonata li jisimha KOC KABLO Sanaji ve Ticaret Limited Srketi konsenja “cables” liema konsenja ma kienitx tal-kwalita pattwita;

Illi dawn il-“cables” wara li nbieghu lit-terzi, s-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonata irceviet diversi ilmenti dwar il-kwalita taghhom li ma kienux skond il-kwalita pattwita u li l-istess terza persuna bdiet tircievi hafna ilmenti peress li meta dawn il-“cables” bdew jigu stallati fid-dar residenzjali kien qieghed isir hafna danni lis-stallazzjonijiet domestici peress li dawn il-cables kienu hziena;

Illi s-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonat qieghda tircievi diversi ilmenti u di piu ma thallsitx minghand it-terza persuna u hemm talba ghad-danni minn din it-terza persuna u di piu li hu qieghed jircievi talbiet tad-danni minn konsumaturi;

Illi s-socjeta' konvenuta rikonvenzjonata soffriet danni billi kienet ghamlet depozitu ghal din l-ordni u dan intilef, tilfet il-loss of profit li ser jigi likwidat fil-mori tal-kawza ghamel spejjez sabiex garret il-merkanzija kif ukoll ma thallsitx mit-terza persuna liema persuna kienet bieghet il-cables kif ukoll hemm it-talbiet ghall-hlas tad-danni minn diversi konsumaturi;

Illi l-esponenti talab ukoll lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata sabiex thallas tad-danni u baqghet inadempjenti;

Talbet li s-socjeta' attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-merkanzija mertu ta' din il-kawza ma kienitx tal-kwalita pattwita;
2. Tiddikjara li s-socjeta' attrici issa rikonvenuta responsabbli ghad-danni li sofriet is-socjeta' konvenuta issa rikonvenzjonata;
3. Tillikwida d-danni subiti mis-socjeta' konvenuta issa rikonvenzjonata;
4. Tikkundanna lis-socjeta' attrici issa rikonvenzjonata ghall-hlas tad-danni li jigu stabiliti mill-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici issa rikonvenzjonata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonata.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur nomine; li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta rikonvenjenti ghandhom jigu michuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra tas-socjeta' konvenuta rikonvenjenti, ghar-ragunijiet segwenti :

1. Illi l-azzjoni esperita mis-socjeta' konvenuta rikonvenjenti hija fil-fattispecie tal-kaz insostenibbli peress li l-ilment tas-socjeta' konvenuta, jekk veritjieri,

(a) huma ilmenti li ma jirrigwardawx nuqqas fil-kwalita fis-sens guridiku ta' l-oggetti mibjugha, izda jirrigwardaw, semmai, xi forma ta' xi vizju okkult fl-istess oggetti mubjugha, ghall-liema potenzjali vizju, l-azzjoni kompetenti mhix dik in disamina. (Ara : "**Borg John vs. Pace Joseph et nomine**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar it-22 ta' Gunju 2001 fejn intqal li min jallega li l-merkanzija mibjugha lilu ma tkunx fi stat merkantili jkun qed jeccepixxi l-vizzju redibitorju. Inoltre f'"**Anthony Mizzi et nomine vs. Emmanuele Schembri**" Qorti ta' l-Appell deciza nhar it-22 ta' Mejju 1967, gie deciza li min jalega li merkanzija kienet inservibbli u mhux tajba ma jistax jippretendi li hemm differenza fil-kwalita pattwita imma biss vizzju redibitorju. F'"**Borg John vs Pace Joseph et nomine**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar it-22 ta' Gunju 2001 gie deciz li min jallega li merkanzija mibjugha lilu kienet fi stat mhux merkantili, u mhux li hija ta' generu iehor jew ta' kwalita sostanzjalment diversa minn dik ordnata, ikun qieghed jeccepixxi vizzju redibitorju. Il-gurisprudenza lokali iddefiniet il-vizzji bhala dawk inerenti ghall-mod imperfett kif il-merci giet fabbrikata, valjata, imballata, kustodita. Il-merci ghandha tigi rikonoxxuta vizzjata jew difettuza meta tigi fiha verifikata xi devjazzjoni mill-istat taghha ordinarju u normali li minnu tkun tiddependi l-attitudni taghha ghall-uzu li ghalih, bin-natura taghha, hija destinata u ghalhekk vizzju, jew difett, hija kull anormalita' jew imperfezzjoni ta' kull gwast jew avarija illi fil-haga tifi riskontrata li tnehhilha l-attitudni ghall-uzu, jew bonta' u l-integrita', u, kwindi, biex il-haga tkun difettuza irid ikun jonqsilha xi haga biex tkun tista tezisti b'mod pjenament konformi ghan-natura taghha u biex tkun vizjata irid ikun hemm xi alterazzjoni li minhabba fiha l-haga ma tkunx kif normalment ghandha tkun.**)**

(b) illi fi kwalunkwe kaz anke jekk l-azzjoni korrettement propobibbli kienet l-azzjoni redibitorja jew estimatorja, din setghet biss tigi promossa b'azjoni specifika ad hoc; (cioe' "per via d'azione" u mhux "per via d'eccezione" Ara : "**Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina**" – deciza mill-Prim'Awla Civili nhar it-30 ta' Gunju 2003, kif ukoll "**Tabone Paul vs Cesareo Edward"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Jannar 1965.

(c) Illi fi kwalunkwe kaz tali azzjoni redibitorja jew estimatorja hija, f'dan l-istadju dekaduta; (Ara : "**Vella Joseph nomine vs Migneco Anthony**" , Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciz nhar id-9 ta' Gunju 2005.

2. Illi l-kontro-talba esperita mis-socjeta' konvenuta hija guridikament improponibbli in kwantu :

(a) tikkontjeni talba ghal rizarciment ghal danni fuq il-bazi ta' nuqqas tal-kwalita pattwita; (Ara "**Jagrove Services Limited vs Tri-med Fund Management Limited**" u "**Vastek International Limited vs Engineering and Technology Limited**", it-tnejn moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u decizi nhar il-15 ta' Dicembru 2003, fejn gie deciz li talba ghal danni fuq il-kwalita pattwita ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress li tali azzjoni hija improponibbli. Ara wkoll "**Briffa Reuben et vs Mallia Joseph et**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar it-28 ta' Frar 2002, fejn gie deciz li rimedju ghad-danni mhux kontemplat fil-ligi, stante li r-rimedju moghti lil kumpratur huwa jew li jaghzel li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jirciviha bit-tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti. F' "**Borg John vs Pace Joseph et nomine**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar it-22 ta' Gunju 2001 gie deciz li meta jkun hemm ilment rigwardanti vizzju redibitorju jew li l-haga mibjugha ma tkunx tal-kwalita miftehma ghandhom jigu adottati r-rimedji previsti mil-ligi u ma tistax issir semplicement kawza ghal danni);

(b) Fi kwalunkwe kaz it-talba ghal danni fil-kuntest ta' kawza bazata fuq allegat nuqqas fil-kwalita pattwita saret minghajr ma saret ukoll it-talba ghat-thassir tal-bejgh. (Ara : "**Piscopo Anthony vs Filletti Charles**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar is-16 ta' Gunju 2003 fejn gie deciz ukoll li f'kull kaz ix-xerrej ma jistax semplicement jitlob rifuzjoni ta' flusu izda jrid ukoll jitlob it-thassir tal-bejgh);

3. Illi l-kontro-talba hija insostenibbli wkoll stante li, ghalkemm f'dak kaz kien hemm specifikazzjonijiet stabbiliti fl-ordnijiet relattivi ghall-cables li kellhom jigu mixtrija mis-socjeta' konvenuta, (liema specifikazzjonijiet kif maghmula, gew onorati mis-socjeta' attrici), ma kien hemm ebda kwalita specifika fis-sens guridiku relattiva ghall-cables li kienet giet kuntrattwalment esplicita bejn il-

partijiet u ghalhekk jekk il-venditur ma jkunx esplicitament wieghed xi kwalita u jekk il-kompratur ma jkollux f'mohhu esplicitament dik il-kwalita, tali azzjoni ma tkunx legalment sostenibbli. (Ara f'dan is-sens : "**Farrugia Denis et vs Dimech Joseph proprio et nomine**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar il-25 ta' Frar 2005.)

4. Illi l-kontro-talba esperita mis-socjeta konvenuta hija wkoll improponibbli peress li s-socjeta' konvenuta :

(a) naqset, qabel ma taghmel l-azjoni taghha, milli tirrifjuta l-oggett mixtri, u tirritornah lura lill-venditur (Ara : "**M.A.S. Communications Limited vs The Malta External Trade Corporation**" Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar id-9 ta' Frar 2005. Ara wkoll : "**Piscopo Anthony vs Filletti Charles**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar is-16 ta' Gunju 2003 fejn gie decia li xerrej kellu jezimi ruhu mir-responsabbilita billi jiddeposita l-oggetti mixtrija u minnu allegatament rifjutat taht l-awtorita tal-Qorti appena gie kostatat illi l-oggett ma kienx tal-kwalita' pattwita);

(b) Jew alternattivament, sabiex tezimi ruhha mir-responsabbilita tiddepozita l-oggetti mixtrija u rifjutati taht l-awtorita tal-Qorti appena ikkostatat li l-oggetti konsenjati allegatament ma kienux tal-kwalita pattwita (Ara : "**Piscopo Anthony vs Filletti Charles**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar is-16 ta' Gunju 2003. Ara wkoll "**L&D Attard Company Limited vs Eurometal Company Limited**", Qorti ta' l-Appell, deciza nhar it-28 ta' Jannar 2005 fejn gie ritenut li biex jehles mir-raba kontrattwali li kien dahal fiha min jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-ogett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita imwieghda, huwa kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah il-Qorti. L-istess gie deciz precedentement fi "**Zammit Automobiles Limited vs Bezzina Charles**" Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar it-30 ta' Gunju 2003. Ara wkoll "**J.C. Hydraulics Limited vs Waste Control Services Limited**" Prim'Awla tal-Qorti Civili , deciza nhar it-28 ta' Gunju 2001 fejn gie deciza li f'kaz fejn l-oggett ma jkunx jikkonforma mal-kwalita miftehma, azzjoni ghad-danni tista biss tirnexxi jekk ix-xerrej jaghzel li jirrifjuta l-haga);

5. Illi l-azzjoni rikonvenzjonali ghandha tigi michuda wkoll peress illi improponibbli ghar-ragunijiet segwenti :

(a) anke jekk, gratia argomenti, il-cables mibjugha ma kienux tal-kwalita pattwita (fatt kontestat bil-qawwa mis-socjeta' attrici), l-istess cables xorta wahda
(i) gew ilkoll konsenjati lis-socjeta' konvenuta wara li kienu gew accertati li kienu skond l-ispecifikazzjonijiet rikjesti mill-agent tas-socjeta' konvenuta Alpay Ic vs Dis Tic Ltd,
(ii) gew ilkoll accetati mis-socjeta' konvenuta; u
(iii) is-socjeta' konvenuta ghazlet li zzommhom (Ara : "**Camilleri Andrew vs. Sayles Daniel Edwin**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar is-27 ta' Gunju 2003 fejn gie ritenut li l-accettazzjoni ta' parti tax-xerrej ta' oggetti li ma jkunux skond il-ftehim ghandha titqies bhala akwixxenza ghall-prestazzjoni inezatta u ghalhekk ma jispettax aktar lix-xerrej ir-rikors ghar-rimedju kontra l-inadempjenti) u ma rrifjutathomx meta kellha l-opportunita kollha li taghmel dan;
(b) anzi, bl-azzjoni tas-socjeta' konvenuta stess, l-istess cables gew mibjugha lil terzi persuni, gew uzati ghall-iskop li kienu intizi li jigu mixtrija u b'hekk, bl-azzjoni taghha stess is-socjeta' konvenuta qeghdet lilha innifisha fl-impossibilita li tirritorna lura lill-venditur il-cables mixtrija, liema fatt jippregudika serjatament il-posizzjoni tas-socjeta' konvenuta u tirrendi l-azzjoni taghha improponibbli. (Ara "**Galea Paul proprio et nomne vs Galea Carmel**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar il-15 ta' Ottubru 2001 fejn gie deciz li l-fatt li l-kompratur utilizza l-oggett minnu mixtri u mpjegah ghall-iskop li ghalih gie akkwistat, poggih, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fl-impossibilita li jikkonsenja lura l-oggett. Fil-kawza "**Mangion Charles et vs Awtorita tad-Djar**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar is-27 ta' Gunju 2001 gie ritenut li r-ricezzjoni tal-oggett u l-uzu tieghu mill-kumpratur allavolja jkun konsapevoli li mhux tal-kwalita pattwita jeskludi imbaghad il-possibilita li l-istess kompratur jaghzel li jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh. "**Fenech Maria Lourdes vs Meilaq Carmelo sive Charles**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza nhar il-15 ta' Ottubru 2001 fejn gie deciz l-istess punt, ghalkemm f'dal-kaz gie inkluz ukoll ir-ricettazzjoni ta' l-oggett flimkien ma l-uzu tieghu mill-kumpratur.)

6. Illi kontra ta’ dak allegat mis-socjeta’ konvenuta rikonvenjenti, il-cables li kienu konsenjati kienu ta’ l-istess specifikazzjonijiet li kienu gew ordnati u ghalhekk il-cables mibjugha kienu jikkorrispondu ghall-oggetti konsenjati lis-socjeta’ konvenuta kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
7. Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta’ awtrici ta’ l-attur nomine mhix responsabbli ghall-kawza u / jew kawzi ta’ l-allegati hsarat sofferti mit-terzi u ghall-allegati danni konsegwenzjali, in kwantu tali hsarat u / jew danni, jekk verament sehhew, kienu kagunati minn ragunijiet li ghalihom is-socjeta awtrici ta’ l-attur hija totalment estraneja;
8. Salvi ecezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta’ l-attur nomine rikonvenzjonat.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur nomine.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi s-socjeta’ attrici hija trading company u tissupplixxi merkanzija ta’ l-elettriku mit-Turkija lil diversi pajjizi u tirrapprezenta socjetajiet esteri fit-Turkija fix-xiri ta’ dawn il-prodotti.

Illi xehed Semal Alpay, General Manager tas-socjeta’ Alpay Company fit-Turkija u qal illi SM Cables u l-Alpay Group kienu qeghdin jahdmu flimkien sabiex jissuplixxu oggetti ta’ natura elettrika, principalment cables mit-Turkija lejn Malta u s-socjeta’ Alpay agixxiet f’dan in-negozju sabiex issib fabbriki li jaghmlu dawn il-cables fit-Turkija. Ix-xhud qal illi s-socjeta’ Koc Kablo hija socjeta’ separata mill-Alpay Group u fil-kaz odjern, meta irceva l-ordni minghand SM Cables, iltaqa mar-rapprezentanti tas-socjeta’ Koc Kablo u ghadda l-offerta taghhom lil SM Cables. Huwa xehed illi kull ma ghamel kien illi ghadda l-informazzjoni lil SM Cables. Ix-xhud qal illi huwa kien

jagixxi bhala agent u kien jithallas billi jiehu commission. Ix-xhud kompla jghid illi dan kien l-ewwel negozju li sehh bejn SM Cables u Koc Kablo u f'dan in-negozju ma gie iffirmat l-ebda kuntratt. Ix-xhud kompla jghid illi s-socjeta' SM Cables kienet avvicinat lis-socjeta' taghhom biex tottjeni lista ta' cables illi kellha bzonn u hu kien staqsa lil diversi fabbriki it-Turkija u issottometta l-offerti lil SM Cables illi kienet accettat l-offerta ta' Koc Kablo. Koc Kablo kellha tissupplixxi ammont ta' cables fuq ordni tas-socjeta SM Cables. Ix-xhud ikkonferma illi l-purchase order ghal din l-ordni saret minn SM Cables lil Koc Kablo u kienet iffirmata mis-Sur Edwin Zammit. Ix-xhud kompla jghid illi kien iltaqa mad-dirigenti tas-socjeta' Koc Kablo fit-Turkija u s-socjeta' Koc Kablo kienet accettat il-purchase order ta' SM Cables. Ix-xhud esebixxa katalogu mahrug mis-socjeta' Koc Kablo u qal illi SM Cables ghamlet l-ordni taghha skond dan il-katalogu, liema katalogu gie esebit u gie immarkat mill-Qorti bhala Dokument XXYY 1. Ix-xhud kompla jghid illi s-socjeta' Koc Kablo baghtet il-merkanzija lis-socjeta' SM Cables f'Malta u ezegwit totalment il-purchase order illi kienet ghamlet is-socjeta' SM Cables. Huwa xehed illi hu personalment kien ivverifika il-kwantita tal-cables illi kienet ordnat is-socjeta' SM Cables u ivverifika illi effettivament l-ammont kollu kien wasal Malta. Huwa xehed illi huwa kien prezenti waqt il-produzzjoni ta' dawn il-cables u anke wara illi tlestiet il-produzzjoni u il-manifattura ta' dawn il-cables, huwa osserva u innota illi kollox kien sar kif suppost u effettivament Koc Kablo kellha wkoll certifikat illi juri illi kull cable giet ittestjata fil-laboratorju u t-testijiet saru mill-quality manager u mill-quality engineer illi kienu prezenti fil-laboratorju. Ix-xhud kompla jghid illi huwa nizzel il-commission dovuta lilu fuq l-invoice illi inghatat lis-socjeta' SM Cables, izda il-commission tieghu ma tnizzlitx f'kollonna separata izda tnizzlet fuq il-prezzijiet tal-cables fl-istess proporzjon. Ix-xhud kompla jispjega illi Koc Kablo kienet harget ukoll kambjala, liema kambjala inbaghatet il-Bank of Valletta f'Malta u din il-kambjala kellha tithallas wara sittin gurnata. Huwa xehed illi sussegwentement il-bank tat-Turkija informa lis-socjeta' Koc Kablo li s-socjeta' SM Cables ma rieditx thallas il-kambjala. Ix-xhud kompla jghid illi kien gie infurmat minn Edwin Zammit ghas-socjeta' SM Cables illi

l-cables ma kienux skond kif kienet saret l-ordni u huwa talab lil SM Cables sabiex jaghmlu xi rapport f'dan is-sens sabiex hu ikun jista jghaddih lil Koc Kablo it-Turkija, izda dan ir-rapport qatt ma wasal u sa fejn jaf hu SM Cables bieghet il-merkanzija f'Malta. Huwa baqa in kuntatt ma SM Cables, talabhom jaghtuh il-provi li l-cables ma kienux skond l-ordni, izda SM Cables ma ipproduciet l-ebda rapport, jew dokument, jew ritratt f'dan s-sens. Ix-xhud kompla jghid illi SM Cables kienet hallset ghaxra fil-mija tal-prezz meta saret l-ordni, izda ma hallset xejn mid-disghin fil-mija l-ohra wara illi irceviet il-cables f'Malta u ghalhekk SM Cables ghad fadalha taghti l-ammont ta' tnejn u hamsin disgha mija tlieta u tmenin punt tmienja Dollaru Amerikan lis-socjeta' it-Turkija. Ix-xhud qal ukoll illi meta mar sabiex jispezzjona il-cables it-Turkija martu li hija engineer kienet qeghda tivverifika illi l-cables kienu skond il-kwalita pattwita u qal illi l-SM Cables kienu jafu illi martu kienet l-engineer illi kienet qeghda ticcekkja dawn il-cables. Ix-xhud gie muri xi cables fil-Qorti u xehed illi dawn ma kienux dawk li kien ra fil-fabbrika it-Turkija peress illi fost affarijiet ohrajn il-kulur ma kienx l-istess. Mistoqsi, ix-xhud ikkonferma illi SM Cables kienet ilmentat mieghu illi l-cables ma kienux skond il-kulur specifikat fl-ordni. Ix-xhud ikkonferma illi huwa kien qal lis-Sur Edwin Zammit ta' SM Cables illi setgha kien hemm xi problemi fil-cables u talab lil SM Cables sabiex tfornih bi provi f'dan is-sens sabiex hu ikun jista jitkellem mas-socjeta' Koc Kablo. Mistoqsi dwar il-hxuna tal-cables illi gie muri fil-Qorti, ix-xhud qal illi deherlu illi l-cables li kien ra it-Turkija kienu ta' din il-hxuna u kienu flexible cables. Ix-xhud qal ukoll illi l-cables illi gew esebiti il-Qorti ma kellhomx il-label illi tghid Koc Kablo fuqhom, kif suppost kellhom. Ix-xhud qal illi ma setghax ikun cert illi l-cables illi gie muri fil-Qorti kienu dawk illi gew manufatturati mis-socjeta' Koc Kablo. Huwa xehed ukoll illi ftakar illi l-cables illi intbaghatu minn Koc Kablo lis-socjeta' SM Cables kellhom label fuqhom illi kienu gew manufaturati minn Koc Kablo u li certament dawn il-labels kienu fuq il-palets u fuq il-plastic. Huwa xehed illi fuq kull cable kien hemm zewg labels, wahda fis-sens illi l-cable kienet manufatturata minn Koc Kablo u label ohra fis-sens illi l-cable kienet “supplied” to SM

Cables. Ix-xhud ikkonferma illi kien ghadu ma thallasx il-commission dovuta lilu.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Bulard Sardogan u qal illi is-socjeta' Alpay kienet qeghda tirrapprezenta lis-socjeta' SM Cables u ghamlet l-ordni ghan-nom ta' SM Cables. Huwa ra il-"packing list" a fol 12 tal-process u xehed illi din ghamlitha il-kumpanija taghhom lill-kumpanija SM Cables u xehed illi wara li huma kienu ezaminaw il-cables fil-laboratorju taghhom, l-enginiera taghhom kienu iccertifikaw illi l-cables prodotti kienu skond l-istandards rikjesti. Ix-xhud qal illi wara li giet processata l-ordni huma kellhom struzzjonijiet sabiex jibghatu l-cables Malta u li wara li l-cables intbaghtu kienet is-socjeta' Alpay Group illi ilmentat maghhom dwar id-dehra tal-cables in kwistjoni. Ix-xhud qal illi s-socjeta taghhom taghmel ezamijiet, tikkontrolla l-prodotti matul l-istadji kollha tal-produzzjoni u finalment tohrog il-"final test report". Ix-xhud ikkonferma illi wahda mill-ilmenti li irceva kien fis-sens illi l-cables ma kienux "shrink wrapped" kif suppost. Ilmenti ohrajn kienu fis-sens illi l-coils ma kienux miksija bil-plastic, illi l-kuluri tal-cables ma kienux kif suppost u illi l-coils ma kienux gew pakkeggjati kif suppost, izda ix-xhud cahad l-ilmenti kollha u sahaq illi l-cables gew prodotti skond l-ordni illi kienu ircevew.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Edwin Zammit ghas-socjeta' SM Cables u qal illi l-cables li kienu ircevew minghand is-socjeta' estera ma kienux skond l-ordni, kienu inferjuri u ma setghux jinbieghu ghaliex ma setghux jigu uzati. Is-Sur Edwin Zammit kompla jixhed illi meta kienu ghand il-klijent taghhom fil-Kuwait, il-klijent qalilhom li kienu ser ibieghu l-affarijiet bit-tama li jkunu tajbin u sussegwentement ihallashom, izda gara li wara gimghat il-klijenti fil-Kuwait kellhom problemi peress illi lil min bieghhom bdew jaghtuhom "failure" u sahansitra il-klijent taghhom fil-Kuwait gie blacklisted. Ix-xhud Edwin Zammit kompla jghid illi huwa minnu illi is-socjeta' SM Cables ma hallsitx tal-cables li kienet irceviet u dana peress illi l-klijent

taghhom gol-Kuwait ukoll ma hallashomx. Ix-xhud kompla jghid illi minkejja il-fatt illi tal- Koc Kablo kienu iccertifikaw il-cables bhala skond l-ordni li inghataw, lilu kien irrizultalu mod iehor. Huwa xehed illi huma baghtu containers bil-cables in kwistjoni lill-klijent taghhom li kien bieghhom lill-klijenti tieghu u irrizultaw "latent defects" illi huma ma setghux kienu jafu bihom peress li l-container kien issiggillat.

Ikkunsidrat :

Illi xehed ukoll Emanuel Micallef, Direttur tas-socjeta' SM Cables Limited, u dwar ix-xoghol illi kienu ircevew minn barra, xehed illi ma l-ewwel daqqa ta' ghajn kien diga jidher illi x-xoghol ma kienx kif suppost. Meta kien ghadu in transit, infetah il-container u ix-xoghol kien diga jidher bhala packing li ma kienx tajjeb. Sussegwentement ix-xoghol intbaghat il-Kuwait u il-klijent fil-Kuwait beda jaghmlilhom hafna ilmenti. Kien ghalhekk li is-Sur Micallef iddiskuta ma Edwin Zammit u it-tnejn li huma marru il-Kuwait biex jispezzjonaw ix-xoghol. Marru fil-mahzen tal-klijent fil-Kuwait u raw li l-cable kien maghmul b'sizes differenti u beda jara li l-kuluri ma kienux kif suppost, u lanqas it-tul ma kien skond l-ordni. Apparti minn hekk il-klijent hadhom l-ufficcju u sejjah lill-klijenti li kien diga bieghilhom xi xoghol u dawn bdew jilmentaw dwar ix-xoghol li kien bieghilhom il-klijent ta' SM Cables fil-Kuwait. Ghalhekk ix-xhud ha ir-ritratti u gab xi kampjuni tax-xoghol Malta. Kien ghamel rapport lil Edwin u Edwin baqa ghaddej bil-korrispondenza ma Koc Kablo. Is-Sur Micallef kompla jixhed li ma kienux hallsu lil Koc Kablo peress li lanqas il-klijent taghhom fil-Kuwait ma kien hallashom. Mistoqsi sabiex jikkwantifika id-danni li sofriet l-SM Cables, Emanuel Micallef xehed li apparti id-danni l-aktar haga li sofrew kienet ir-reputazzjoni taghhom li kienet qeghda tinbena ma dan il-klijent fil-Kuwait. Ix-xoghol ma kienx "up to standard" u ghalhekk tilfu ir-reputazzjoni taghhom mal-klijent fil-Kuwait.

Illi xehed ukoll Kurt Xuereb, tekniku mas-socjeta' SM Cables, u qal illi huwa kien ghamel xi testijiet minn samples li kien ha ta' container ta' xoghol illi kienet irceviet

SM Cables u xehed illi kien hemm hames prodotti li ma ghaddewx u cioe' li ma kienux "up to standard" u dana minhabba is-sizes u il-hxuna taghhom, u b'hekk il-prodott ma kienx wiehed "safe" sabiex jintuza. Skond ix-xhud, kien hemm difetti fis-sitt samples illi huwa kien ha u hareg rapport f'dan is-sens.

Ikkunsidrat :

Illi Edwin Zammit xehed illi fil-konsenja illi giet minn Koc Kablo it-Turkija kien hemm xi cables li kienu jidhru mal-ewwel tad-daqqa ta' ghajn li kienu difettuzi, izda ohrajn, ghalkemm ma kienux jidhru li kienu difettuzi, meta gew uzati hareg id-difett u ghalhekk hareg li kien hemm difetti mohbija fuqhom. Huwa xehed illi l-klijent taghhom fil-Kuwait kien baghatilhom ittra ufficjali bl-ilmenti tieghu dwar il-konsenja in kwistjoni.

Ikkunsidrat :

Illi meta xehed in kontro-ezami, Kurt Xuereb xehed illi meta ittiehdu is-samples mill-container u saru it-testijiet fuqhom ma kienx hu illi mar jiehu s-samples fil-container, izda kif hargu x-xoghol huwa ippikkja is-samples illi kienu ghaddewlu il-haddiema tas-socjeta' SM Cables. Kurt Xuereb xehed illi is-seba samples li ittiehdu sarulhom it-testijiet u irrizulta li kienu difettuzi, ma kienux skond l-ispecifikazzjonijiet kif trid is-sengha u l-arti. In kontro-ezami, Kurt Xuereb ammetta li fic-certifikat illi huwa hareg wara li ghamel it-testijiet fuq is-samples ma tnizzilx illi is-samples kienu gejjin mis-socjeta' Koc Kablo, izda xehed illi huwa hemez ic-certifikat tieghu mac-certifikat originali tas-socjeta' Koc Kablo. Kurt Xuereb, in kontro-ezami xehed illi kien hemm diffetti li kienu jidhru mal-ewwel daqqa ta' ghajn. Huwa kompla jixhed illi normalment meta huwa johrog certifikat li l-oggetti ma kienux kif suppost u kellhom id-diffetti il-consignment jibqa ghandu "in quarantine", izda fil-kaz odjern ma garax hekk peress li l-prodott ried imur b'urgenza ghall-klijent u ta' fuqu qalulu biex jibghat il-konsenja xorta wahda ghand il-klijent. Ix-xhud kompla jghid illi ta' fuqu, Edwin Zammit, kien qallu li kien ser jikkuntattja lill-klijent barra li kien ser jara x'ser

johrog mill-konsenja u ghalhekk Edwin Zammit kien qallu biex jibghat ix-xoghol xorta wahda. Kurt Xuereb specifika illi l-klijent ta' SM Cables kien qal lil Edwin Zammit sabiex xorta wahda jibghatlu ix-xoghol, minkejja li Edwin Zammit kien infurmah illi ix-xoghol kien diffettuz.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Emanuel Micallef in kontro-ezami u ikkonferma illi meta wasal ix-xoghol Malta minghand Koc Kablo huwa ma kienx Malta u ghalhekk ma setghax jara ix-xoghol, izda kien rah xi granet wara. Huwa kompla jghid illi wara kien mar ghand l-agent il-Kuwait u hemmhekk kien ha xi ritratti tal-merkanzija li kienet waslet minghand Koc Kablo. Emanuel Micallef xehed illi jista jkun illi saru xi testijiet fuq dawn il-prodotti, izda ma kienx cert. Huwa ikkonferma li meta ra li x-xoghol ma kienx kif suppost ma infurmax b'dan kollu lil Koc Kablo. Emanuel Micallef cahad illi kien hemm xi rakkomandazzjoni minghand xi hadd f'Malta u precizament minghand l-SM Cables fis-sens illi l-prodotti jintbaghtu lura ghand Koc Kablo u dana peress illi l-prodott mal-ewwel intbaghat il-Kuwait. Illi meta saritlu referenza ghax-xiehda ta' Kurt Xuereb fis-sens illi kien ghamel it-testijiet fuq il-prodotti u li kien kellmu qabel ma ix-xoghol intbghat il-Kuwait, Emanuel Micallef xehed illi ma jafx b'dan kollu. Emanuel Micallef xehed illi huwa sar jaf illi x-xoghol ma kienx kif suppost meta ilmenta il-klijent fil-Kuwait u huwa mar il-Kuwait u ra ix-xoghol hemmhekk u ha ir-ritratti u gab xi samples li ipprezenta fil-Qorti. Ix-xhud ikkonferma li ir-ritratti ma hadhomx f'Malta izda hadhom il-Kuwait. Emanuel Micallef xehed illi huwa kien kellem lil Edwin Zammit wara li l-prodotti kienu intbaghtu il-Kuwait u mhux qabel, u kien hemmhekk li sar jaf bil-problema, meta ilmenta l-agent taghhom fil-Kuwait. Emanuel Micallef xehed illi meta ra il-prodotti fil-Kuwait kien hemm difetti apparenti li kienu jidhru u mhux difetti latenti u dan qalu mhux ghaliex ghandu xi “technical expertise”, izda peress illi ghandu l-esperjenza.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Edwin Zammit in kontro-ezami u qal illi meta saru it-testijiet fuq ix-xoghol li kien wasal Malta ghand SM Cables huma skoprew illi ix-xoghol kien fih xi difetti. Meta l-klijent taghhom irceva ix-xoghol, huwa beda ibieghhom ghax minn ghalih li kienu tajbin u haseb illi l-problema kienet wahda trivjali. Izda meta beda jinbiegh ix-xoghol il-problema kibret hafna aktar. Ix-xhud kompla jghid illi huma kienu infurmaw lill-klijent taghhom illi l-cables ma kienux “to standard”, izda dan kien qalhom “u iva forsi hemm wiehed fil-mija minnhom” u ghalhekk tahom x’jifhmu illi l-kumplament kienu tajbin u qalilhom illi fil-kaz jitlob “discount” fuq il-prodotti difettuzi. Huwa xehed illi wara li sar l-ezami mit-tekniku tal-kumpanija huwa stess kien iffirma ir-rakkomandazzjoni. Ix-xhud qabel illi kien ghamel rakkomandazzjoni illi x-xoghol jintbghat lura ghand Koc Kablo, izda ix-xhud spjega illi Koc Kablo ma riedux ix-xoghol lura ghaliex hu kien kitbilhom u kien kellimhom tramite Alpay Group. Meta ix-xhud gie mistoqsi x’sar mill-cables li huma kienu baghatu lill-klijent taghhom fil-Kuwait, ix-xhud wiegeb illi dawn il-cables ma ittestjawhomx kollha. Ix-xhud ikkonferma illi l-cables ma gewx depositati il-Qorti, izda minn konsenja ta’ madwar hamest elef cable iddepozitaw biss madwar sitt cables il-Qorti u l-ohrajn hallewhom il-Kuwait.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 1390 tal-Kap 16 jghid illi jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista’ jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ periti.

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi kollha prodotti irrizuta illi l-cables illi s-socjeta’ konvenuta ordnat minghand is-socjeta’ Koc Kablo gew mibjugha bil-prezz komplessiv ta’ tmienja u hamsin elf disa mija tlieta u tmenin Dollari Amerikani u tmenin centezmu (USD58,983.80) ekwivalenti ghal cirka hamsin elf mija u erbgha u erbghin ewro (€50,144) liema ammont

kien originarjament indikat lis-socjeta konvenuta qabel ma din ghamlet l-ordni taghha permezz ta' invoice proforma. Dan l-ammont gie sussegwentement accettat mis-socjeta' konvenuta meta ghamlet l-ordni taghha u konsegwentement inharget l-invoice finali mis-socjeta' attrici. Irrizulta wkoll illi is-socjeta' konvenuta ghamlet pagament akkont ta' l-prezz fl-ammont ta' sitt elef dollaru American, izda wara dan il-pagament ma hallsitx il-bilanc, b'mod illi l-attur jikkontendi illi ghandu jiehu minghand is-socjeta' konvenuta l-ammont bilancjali ta' cirka hamsa u erbghin elf tlieta u erbghin ewro u disa centezmi (€45,043.09). Irrizulta wkoll illi is-socjeta' Alpay kienet tirrapprezenta lil SM Cables f'dan il-bejgh u xiri ta' merkanzija.

Illi s-socjeta' konvenuta ma hallsitx il-bilanc peress illi skond hi qeghda tircievi diversi ilmenti u ma thallsitx minghand terza persuna li lilha ikkonsenjat dina l-merkanzija u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghamlet kontro-talba fejn allegat li sofriet danni u talbet il-likwidazzjoni u l-hlas ta' dawn id-danni.

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi kollha prodotti irrizulta illi s-socjeta' konvenuta accettat il-merkanzija illi giet ikkonsenjata lilha u minflok iddepozitata il-Qorti, ghazlet illi izommha u meta kellha l-opportunita ma irrifjutathiex. Mhux talli, talli bieghithom lill-klijent taghha fil-Kuwait, illi da parti tieghu bieghhom lill-klijenti tieghu, u b'dan il-mod is-socjeta' konvenuta illum il-gurnata ma tistax tirritorna lill-venditur il-merkanzija lilhom ikkonsenjata.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, il-Qorti rat illi l-azzjoni tas-socjeta' konvenuta permezz tal-kontro-talba hija improponibbli peress illi l-unika azzjoni illi kellha is-socjeta' konvenuta f'kontro-talba f'kawza ta' din ix-xorta kienet l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti u dan ai termini ta' l-Artikolu 1427 tal-Kap. 16, u ma setghetx permezz tal-kontro-talba

tipprocedi kontra l-attur fejn titlob lill-istess attur ihallasha danni, peress illi l-oggett ma kienx tal-kwalita pattwita, ghaliex azzjoni ta' dan it-tip trid issir permezz ta' kawza ad hoc u mhux b'kontro-talba.

Illi l-Qorti rat sentenza fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Borg vs John Xuereb, Appell Civili deciz fil-25 ta' Jannar 1989, fejn il-Qorti qalet illi jekk il-venditur jikkonsenja haga mhux tal-kwalita` pattwita jew mhux bhal kampjun li fuqu tkun saret il-vendita, il-kumpratur jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jirceviha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti u din l-azzjoni hija preskrivibbli b'eghluq is-sentejn mill-bejgh. Il-Qorti qalet illi fil-kaz odjern is-socjeta` Waste Control Services Ltd m'ghazlitx wahda mill-alternattivi offerti mill-ligi, pero` ghazlet li titlob biss danni, rimedju li mhux kontemplat fil-ligi hlief abbazi tal-Artikolu 1390 u stante li l-azzjoni attrici jidher palezament li ma hijiex ibbazata fuq l-istess artikolu mela allura l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi. Illi ghalhekk il-Qorti qalet jirrizulta li l-kontro-talba kif inhi imposta ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skond l-Artikolu 1427.

Ikkunsidrat :

Illi kumpratur li ma jkunx sodisfatt bl-oggett li l-venditur ikun ikkonsenjalu ghandu jew jirrifjutah materjalment, jew billi jiddepositah taht l-Awtorita tal-Qorti. Jista wkoll jaghzel li jaccettah izda jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta' perit jew periti.

Illi ghalhekk ghal dak li jirrigwarda il-kontro-talba, il-Qorti qeghda tilqa l-eccezzjonijiet attrici u tichad it-talbiet tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, bl-ispejjez kontra taghha.

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-talbiet attrici, dejjem ghal dak illi jirrigwarda il-kontro-talba, lanqas it-talba tas-socjeta'

konvenuta sabiex tigi rizarcita ghal danni fuq il-bazi ta’ nuqqas tal-kwalita pattwita ma tista tintlaqa, u dana peress illi hija gurisprudenza kostanti illi talba ghal danni fuq il-kwalita pattwita ma ghandha l-ebda bazi guridika u it-talbiet hemmhekk kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress li din l-azzjoni hija improponibbli.

Illi permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Rueben Briffa et vs Joseph Mallia et, deciza fit-28 ta’ Frar 2002, gie deciz li rimedju moghti lill-kumpratur huwa jew li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jirceviha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta’ periti.

Illi hija gurisprudenza kostanti illi meta jkun hemm ilment rigwardanti il-vizju redibitorju jew li l-haga mibjugha ma tkunx tal-kwalita miftehma, ghandhom jigu addottati ir-rimedji previsti mill-Ligi u ma tistax issir semplicement kawza ghal danni.

Illi wkoll fil-kaz odjern it-talba ghal danni saret minghajr ma saret talba ghat-thassir tal-bejgh u hija gurisprudenza kostanti illi f’kaz bhal dan ix-xerrej ma jistax jitlob semplicement rifuzjoni ta’ flus, izda irid ukoll jitlob it-thassir tal-bejgh. (Vide sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony Piscopo vs Charles Filletti deciza fis-16 ta’ Gunju 2003.)

Illi kif diga intqal, is-socjeta’ konvenuta setghet jew tirrifjuta il-merkanzija jew alternattivament tezemi ruhha mir-responsabbilta u tiddeposita l-oggetti mixtrija jew rifjutati taht l-Awtorita tal-Qorti.

Illi permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Zammit Automobiles Ltd vs Charles Bezzina deciza fit-30 ta’ Gunju, 2003, il-Qorti qalet illi sabiex kompratur jehles mir-rabta kuntrattwali li jkun dahal fiha meta akkwista l-oggett minghand il-venditur meta l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun, jew skond il-kwalita inweghda, huwa ghandu jirrifjutah jew materjalment, jew billi jiddepositah il-Qorti inkella azzjoni ghad-danni qatt ma tista tirnexxi.

Ikkunsidrat :

Illi dwar it-talba tal-attur nomine, irrizulta illi s-socjeta' konvenuta ordnat u xtrat minghand Koc Kablo, cables fil-kwalita u l-ispecifikazzjonijiet murija fil-purchase order, il-cables gew mibjugha bil-prezz komplessiv ta' cirka hamsin elf mija u erbgha u erbghin ewro (€50,144), l-ammont gie accettat mis-socjeta' konvenuta meta ghamlet l-ordni u konsegwentement inharget il-commercial invoice finali mis-socjeta' attrici.

Illi kemm il-purchase order, kemm il-proforma invoice u kif ukoll il-commercial invoice huma esebiti bhala Dok A, B u C rispettivament mac-citazzjoni.

Illi is-socjeta' konvenuta hallset somma akkont fl-ammont ta' cirka sitt elef dollaru Amerikan, izda sussegwentement ma hallsitx il-bilanc, b'mod li baqghet debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' cirka hamsa u erbghin elf tlieta u erbghin ewro u disa centezmi (€45,043.09).

Illi apparti dokumenti, dawn il-fatti huma kollha ikkonfermati minn Semal Alpay u Bulard Sardogan fix-xiehda illi taw fis-16 ta' Mejju 2006.

Illi s-socjeta' konvenuta allegat illi l-merkanzija ma kienitx tal-kwalita pattwita u irceviet diversi ilmenti u lanqas biss thallset minghand it-terza persuna illi lilha ikkonsenjat il-merkanzija, anzi hemm talba tad-danni minn din it-terza persuna kontra is-socjeta konvenuta.

Illi anke jekk ghal grazzja tal-argument il-merkanzija mibjugha u ikkonsenjata ma kienitx tal-kwalita pattwita, il-cables xorta wahda gew kollha ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta wara li gew accertati li kienu skond l-ispecifikazzjonijiet rikjesti mill-agent tas-socjeta' konvenuta Alpay IC vs Dis Tic Ltd u gew ukoll accettati mis-socjeta' konvenuta li ghazlet li izzommhom u ma irrifjutathomx, mhux talli, talli bieghithom lil terzi persuni u b'hekk ma tistax tirritornahom lill-atturi.

Illi Edwin Zammit, Kurt Xuereb u Emanuel Micallef prodotti mis-socjeta' konvenuta kollha xehdu in kontro-ezami illi minkejja illi innuttaw illi l-merkanzija allegatament ma kienitx tal-kwalita pattwita u ma kienitx tajba sabiex tinbiegh lil terzi, xorta wahda iddecidew li jibghatuha il-Kuwait lill-klijent taghhom hemm hekk.

Illi f'kazijiet bhal dawn hija gurisprudenza kostanti illi l-accettazzjoni da parti tax-xerrej ta' oggett li ma kienx skond il-ftehim ghandha titqies bhala akkwixjenza ghal prekazzjoni inezatta u ghalhekk ma jispettax aktar lix-xerrej ir-rikors ghal rimedju kontra l-inadempjiment.

Illi f'kawza deciza minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Paul Galea pro et noe vs Carmen Galea fil-15 ta' Ottubru 2001, il-Qorti qalet illi l-kompratur kien utilizza l-oggett mixtri minnu u uzah ghall-iskop li ghalih gie akkwistat u ghalhekk dan poggih fl-impossibilita` li jikkonsenja lura l-oggett.

Illi l-Qrati taghna iddecidew ukoll illi f'kaz illi il-kompratur, minkejja li jkun konsapevoli li l-oggett mhux tal-kwalita pattwita, jaccettah u juzah, dan iqeghdu fl-impossibilita li jitlob ir-rexxissjoni tal-bejgh.

Illi l-Qorti rat illi s-socjeta' konvenuta ma irnexxilhiex tipprova illi l-merkanzija lilha ikkonsenjata ma kienitx tal-kwalita pattwita. Illi hija lanqas ma ippruvat illi ir-ritratti u s-samples tal-cables illi gew esebiti il-Qorti huma dawk illi effettivament gew ikkonsenjati lilha minn Koc Kablo. Meta Edwin Zammit gie mistoqsi jekk hax ir-ritratti huwa personalment qal illi ir-ritratti ma hadhomx Malta, izda hadhom il-Kuwait meta inhatt il-container.

Illi Emanuel Micallef ukoll ikkonferma illi ir-ritratti ittiehdu il-Kuwait u mhux Malta, meta il-cables kienu fil-pussess ta' terzi u mhux fil-pussess tas-socjeta' konvenuta.

Illi hemm ukoll ix-xiehda ta' Semal Alpay illi ma gharafx il-cables in kwistjoni, kif lanqas ma gharafhom Bulard Sardogan.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta u tilqa t-talbiet ta' l-attrici.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta tilqa it-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attrici nomine is-somma ta' tnejn u hamsin elf disa mija tlieta u tmenin Dollaru Amerikan u tmenin centezmi (USD52,983.80), ekwivalenti ghal hamsa u erbghin elf tlieta u erbghin ewro u disa centezmi (€45,043.09), bl-imghax legali mill-11 ta' Marzu 2004 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta. Illi fir-rigward tal-kontro-talba, il-Qorti filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet ta' l-attrici nomine, tichad it-talbiet kollha tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------